**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta’ Gunju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 162/17AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ divorzju kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi huma izzewgu fid-12 ta' Gunju, 1993, kif jirrizulta mill-anness Att taz-Zwieg (Dok. A) u minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed, li jismu J , li twieled fit-18 ta' Awissu , 1995 kif jirrizulta mill-anness Dok. B;

Illi huma isseparaw legalment b' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat fis- 26 ta' Lulju, 2001, fl-atti tan- Nutar Marco Burlo' (kopja (anness Dok. C) ;

Illi ghalhekk ghaddew ferm aktar minn erba' snin mid-data ta' din is-separazzjoni legali;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi kwantu ghall-manteniment lejn xulxin , hadd minnhom ma ghandu dan il-jedd, peress illi A B kien gia' irrinunzja definittivament u irrevokabilment ghalih fil-klawsola '4' tal-kuntratt tas-separazzjoni , filwaqt li C D a tenur tal-klawsola '3(v)' , awtomatikament ma baqghatx intitolata ghal tali manteniment ghaliha minghand A B b' effett minn meta it-tifel ghalaq sittax (16) il-sena u cioe' b' effett mit-18 ta' Awissu , 2011;

Illi kwantu ghal manteniment ghall-iben minn missieru A B u pagabbli lill-omm, C D , filwaqt li illum l-iben ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena u jghix mal-omm , il-missier obbligat ihallas manteniment skond il-klawsola '3' ( l-ewwel paragrafu) bir-revizjonijiet skond il-klawsola '3.i' kif fil-fatt dejjem ghamel u ghadu jaghmel u dana sakemm , a tenur tal-klawsola '3.iv', l-iben , skond liema cirkustanza tavvera ruhha l-ewwel , jaghlaq hamsa u ghoxrin (25) sena jew jizzewweg jew jistabilixxi residenza separata ghalih , bis-sospensjoni ta' dan l-obbligu tal-missier fil-perjodu li l-iben ikollu impieg 'full-time' -----
----- bis-salvagward dejjem , fit-termini tal-artikolu 3B.(2)(a) tal-Kodici Civili , tad-dritt tal-iben ghal manteniment adegwat sa ma jaghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena , peress illi qieghed jippartecipa f' taghlim 'full-time' l-Universita';

Illi il-fatti premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-artikolu 66B tal- Kodici Civili.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1 Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejniethom.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti , javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku , bid-divorzju taghhom biex dan jigi irregistrat fir-Registru Pubbliku .

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Mejju 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-26 ta' Lulju 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur